MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 1/2012

**Anna Maria Degiorgio**

**vs**

**MaltaPost p.l.c. (C 22796)**

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2012 it-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur ippronunzja is-segwenti sentenza fil-kawża fl-ismijiet premessi:

*"It-Tribunal*

*Ra r-rikors ta' Anna Maria Degiorgio tad-19 ta' Awwissu 2010 fejn stqarret illi f1-10 ta' Mejju 2010 marret l-ufficju tal-Maltapost f'Hal-Qormi biex tibghat pakkett bil-posta registrata l-Ingilterra. Hija staqsiet lill-iskrivan jekk posta*

*registrata kienetx zgura bizzejjed peress illi l-kontenut kellu certa valur u l-iskrivan assiguraha illi ma kellhiex ghalfejn tinkwieta u staqsieha dwar il-kontenut tal-pakkett. Hija qaltlu li kien fih phone li jiswa madwar €450. Ir-rikorrenti rregistrat il-pakkett u nghatat ircevuta imma dan il-pakkett ma wasal qatt u saret talba biex dan il-pakkett jigi rintraccjat. Eventwalment, l-amministrazzjoni postali Ngliza kkonfermat illi dan il-pakkett ma kienx instab u s socjeta intimata giet inkarigata tikkumpensa lir-rikorrenti b'nota ta' kreditu ta' € 35, liema nota qatt ma' giet imsarfa.*

*Ra r-risposta tas-socjeta intimata li biha preliminarjament eccepiet illi hija m 'hix responsabbli ghall-hlas ta' l-ebda danni a tenur ta' l-artiklu 29 tal-Kap. 254 u illi fit-tieni lok, is-servizz ta' posta registrata ma jinkorporax fih servizz ta' assigurazzjoni jew ta' indennizz tal-oggetti mibghutha, b'dan pero' li f'kaz ta' telf ta' l-oggett jinghata kumpens ghall-inkonvenjent" skond ir-regoli tal-Ghaqda Postali Universali ammontanti ghal 30 Special Drawing Rights ekwivalenti ghal € 35.48. Sussidjarjament, ir-rikorrenti qatt ma talbet ghal servizz li jindennizaha ghal xi telf, nuqqas ta' konsenja, dewmien jew hsara lill-oggett mibghut minnha bil-posta registrata. lnoltre, l-oggett postali de quo gie mibghut fil-pajjiz indikat mir-rikorrenti u twassal ghand l-awtorita postali ta' l-imsemmi pajjiz. Fl-ahharnett, fi kwalunkwe kaz, il-kumpens dovut lir-rikorrenti m'ghandhux jaqbez is-somma msemmija ta' € 35.48.*

*Ra ix-xhieda prodotta mill-partijiet kif ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.*

*Ikkunsidra.*

*Illi s-socjeta intimata qieghda primarjament tistrieh fuq l-imrnunita minn hlas ta' danni lilha moghtija mill-artiklu 29 tal-Kap. 254. Madankollu, is-socjeta intimata rrinunzjat ghal tali immunita meta offriet lir-rikorrenti indenizz ta'  € 35.48. Illi fi kwalunkwe kaz, ir-responsabilita delittwali tas-socjeta intimata m'hijiex necessarjament limitata ghan-nuqqas ta' kunsinja tal-pakkett in kwistjoni lill-indirizzat, liema eventwalita hija koperta bl-imsemmi artiklu 29 tal-Kap. 254 imma minhabba l-informazzjoni zbaljata illi r-rikorrenti allegatament inghatat rninghand l-impjegat tas-socjeta intimata*

*illi assikuraha illi ma kellhiex ghalfejn tuza mezzi altemattivi ghall-posta registrata bhal per ezempju, tibghat il-pakkett bl-EMS.*

*Illi ovvjament dan it-Tribunal irid joqghod fuq il-verzjoni tal-fatti moghtija mir-rikorrenti, liema verzjoni, it-Tribunal jikkunsidraha koerenti u verosimili. Dana t-Tribunal huwa tenut illi jaqta' l-kwistjonijiet quddiemu b'ekwita u ghalkemm dan ma jfissierx illi ghandu jikkommetti ngustizzja fil-konfront ta' xi parti, m'huwiex marbut illi jimxi bir-rigur normalment rikjest quddiem tribunali ohra. Ghaldaqstant, ghalkemm huwa minnu illi r-rikorrenti nghatat ircevuta meta rregistrat il-pakkett in kwistjoni illi kienet teskludi kumpens ghall-kontenut tal-pakkett, it-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt illi mill-provi prodotti, ir-rikorrenti giet assikurata illi setghet isserrah mohhha illi bir-registrazzjoni tal-pakkett ma kienx ser ikollha nkwiet. Certament dan huwa minnu fl-istragrandi maggoranza tal-kazijiet imma sfortunatament, m'hux f'dana l-kaz.*

*Illi r-rikorrenti allegat illi I-Iphone in kwistjoni jiswa € 450. Prova konkreta ma nghatatx imma tali figura l-anqas giet ikkontestata u tidher verosimili.*

*Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna l-hlas da parti tas-socjeta intimata tas-somma ta' € 450 bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata" .*

Rat li s-soċjetà intimata Maltapost plc ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti fejn fissret l-aggravji tagħha bil-mod segwenti :-

1. Illi  t-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi illikwida kumpens a favur tar-rikorrenti appellata meta ma kellu l-ebda gurisdizzjoni biex jagħmel dan skond l-artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali (Kap 254 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Illi t-Tribunal mar b'mod gravi kontra d-dettami tal-imparzjalita' skond il-ligi u ma osservax d-dettami stabbiliti mill-*principles of natural justice* ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-dover tal-gudikant li ma jkollu l-ebda *bias* a favur jew kontra ta' xi wiehed mill-partijiet fil-kawza. L-appellanti jgħid illi mill-kliem tat-Tribunal "ovvjament dan it-Tribunal irid joqghod

fuq il-verzjoni tal-fatti moghtija mir-rikorrenti" dan il-*bias* jirrizulta bl-aktar mod car u manifest.

Mill-atti probatorji jemergu s-segwenti fatti:

Fl-10 ta' Mejju 2010 Anna Maria Degiorgio marret l-ufficju tal-Maltapost f'Hal-Qormi biex tibghat pakkett bil-posta registrata lejn l-Ingilterra. Hija staqsiet lill-iskrivan jekk posta registrata kenitx bizzejjed peress illi l-kontenut kellu certu valur u infurmatu illi kien *i phone* illi jiswa madwar €450. L-appellanti irregistrat il-pakkett u nghatat ircevuta. Sfortunatament, dan il-pakkett ma wasalx ghand id-destinatarju tieghu u saret talba biex dan il-pakkett jigi rintraccjat. Eventwalment, l-amministrazzjoni postali Ingliza kkonfermat illi dan il-pakkett ma kienx instab. Is socjeta intimata appellanti giet inkarigata tikkumpensa lir-rikorrenti b'nota ta' kreditu ta' € 35, liema nota qatt ma' giet imsarrfa. Ir-rikorrenti appellata bdiet proċeduri quddiem it-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumaturi u s-socjeta intimata appellanti straħet fuq l-immunita tagħha minn hlas ta' danni skond l-artikolu 29 tal-Kap. 254.

It-Tribunal izda kien tal-fehma illi is-socjeta intimata irrinunzjat ghal din l-immunita minn responsabbilita' meta offriet lir-rikorrenti indenizz ta' €35.48. Illi inoltre it-Tribunal laqa' it-talba attrici billi sahaq illi min informazzjoni zbaljata illi r-rikorrenti inghatat minghand l-impjegat tas-socjeta intimata hija kienet giet assikurata illi ma kellhiex ghalfejn tuza mezzi alternattivi ghall-posta registrata, bhal per ezempju, tibghat il-pakkett bl-EMS, dana ghalkemm hija giet moghtija ricevuta meta irregistrat il-pakkett in kwistjoni illi kienet teskludi kumpens ghall-kontenut tal-pakkett f'kaz li dan jintilef.

Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra din il-Qorti hija tal-fehma illi ghandha issir referenza ghat-tifsira tat-termini uzati fl-Att in dizamina u cioe' il-Kapitolu 254 billi hemm tinstab ir-risoluzzjoni ghal dina l-vertenza. Illi fl-artikolu 2 ta'l-Att it-tifsira moghtija lil "**oġġett reġistrat**" hija imfissra bhala "servizz <u>li jkun jipprovdi garanzija</u> bi ħlas wieħed (fit-test ingliz imfisser bhala *flat-rate guarantee)* kontra riskji ta' telf, serq jew ħsara u li jkun jipprovdi lill-mittent, meta jkun hekk adatt fuq talba li jagħmel, bi prova li l-oġġett postali jkun

wasal u, jew tqassam lill-persuna indirizzata.” (sottolinjar tal-Qorti). Meta din it-tifsira tigi imqabbla mat-terminu “**oggett postali**” moghtija fl-istess artikolu isib illi din ta’l-ahhar tikkonsisti “f’oġġett indirizzat fl-għamla finali kif għandu jitwassal minn operatur postali. B’żieda ma’ oġġetti ta’ korrispondenza, dawk l-artikoli jinkludu wkoll kotba, katalogi, gazzetti, perjodiċi u parcels postali, ikunu kif ikunu dawn deskritti ,inklużi pakki li jkun fihom kommoditajiet li jista’ jkollhom jew ma jkollhomx valur kummerċjali.” B’distinzjoni imbaghad, **oggett assigurat** huwa dak li ifisser “servizz li jassigura oġġett postali sal-valur dikjarat mill-mittent fil-każ ta’ telfien, serq jew ħsara”.

Illi mill-fattispecje ta’ dan il-kaz jirrizulta bhala fatt inkontestat illi l-operatur postali kien responsabbli ghas-servizz postali ta’ **oggett irregistrat**.

Dan qed jigi senjalat billi fl-ewwel aggravvju imressaq minnha, s-socjeta appellanti tecepixxi in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi u dana billi tikkontendi illi it-Tribunal ma seta’ qatt ighaddi ghal likwidazzjoni ta’ kumpens favur r-rikorrenti appellata u dana fid-dawl ta’ dak dispost fl-artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizzi Postali (Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta’ Malta) li jistipula hekk:

> ***“29. L-operatur postali m’għandu jinkombi ebda responsabbiltà għal kumpens minħabba f ’xi telf, nuqqas ta’ konsenja, jew dewmien ta’, jew ħsara lil, xi oġġett postali fil-kors tat-trasmissjoni bil-posta, sakemm dak il-kumpens –***
>
> ***(a) ikun hemm qbil dwaru bejn l-operatur postali u l-mittent, jew***
>
> ***(b) ikun ġie stabbilit b’regolamenti kif jistgħu minn żmien għal żmien ikunu preskritti taħt dan l-Att, irrispettivament mill-valur tal-oġġett:***

> ***Iżda la l-Awtorità u lanqas xi wieħed mill-uffiċjali tagħha jew xi uffiċjal tal-operatur postali m'għandhom jinkorru ebda responsabbiltà minħabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, dewmien jew ħsara bħal dawk, kemm-il darba dawn ma jkunux ġew kaġunati b'malafidi jew bi traskuraġn"i.***

Jiġi osservat illi skond l-istess artikolu 29, l-immunita illi tirreferi għaliha s-soċjeta appellanti tapplika ghas-servizz postali ta' "oggett postali" u mhux ta' "oggett irregistrat" u dana skond it-tifsira moghtija lill-istess termini fl-artikolu 2 ta'l-Att surriferit.

Illi dana jaghmel sens billi hemm imfisser car fit-tifsira moghtija tas-servizz postali rigward oggett irregistrat illi tinghata garanzija bi hlas ta' *flat rate* kontra ir-riskji ta' telf, serq jew hsara mill-operatur postali. Kwindi hija il-fehma ta' din il-Qorti illi l-artikolu tal-ligi li is-socjeta appellanti qieghda tistrieh fuqu sabiex tezmini ruhha mir-responsabbilta ghall-garanzija moghtija kif imfisser fl-artikolu 2, ma ghandux japplika fil-kaz ta' oggett irregistrat bhal ma kien il-pakkett postali mertu ta' dan il-kaz. Illi allura kellu ragun it-Tribunal meta ta piz lix-xhieda tar-rikorrenti appellata meta dina stqarret illi hija kienet giet moghtija assikurazzjoni dwar il-konsenja tal-pakkett postali u illi ma kellhiex għalfejn tuża mezzi alternattivi għall-posta reġistrata, bħal per eżempju tibgħat il-pakkett bl-EMS. Dana ghaliex hemm garanzija ta' hlas fiss fil-kaz ta' telf, serq jew hsara u jinghata servizz ta' "tracking" ta'l-oggett postali sabiex isiru verifiki fejn dan ikun wasal u x'sar minnu. Diskors dwar kumpens izda ma jidhirx illi sar.

Illi allura skond din id-disposizzjoni tal-ligi, il-garanzija li tigi moghtija fil-kaz ta' oggett irregistrat hija wahda ta' rata fissa u mhux li jinghata kumpens tal-valur kollu ta'l-oggett li ma ikunx gie ikkonsenjat lid-destinatarju tieghu. Huwa hawn fejn allura isibu applikazzjoni il-Universal Union Postal Regulations, li Malta hija firmatarja ta'l-istess, li jistabilixxu ir-rata ta' kumpens.

Stabbilit ghalhekk dak li l-ligi stess tghid in materja, madanakollu, din il-Qorti ta’ revizjoni hija marbuta mal-aggravvji sottomessi ghal gudizzju taghha. Issa l-ewwel aggravvju kif imfisser mis-socjeta appellanti jirreferi ghan-nuqqas tat-Tribunal milli josserva dak dispost fl-artikolu 29 tal-Kapitolu 254, li kif hawn fuq deciz ma jsibx applikazzjoni ghal kaz in dizamina. Ghal dawn il-motivi ghalhekk, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, l-aggravvju ser jigi michud.

Illi imbaghad, fit-**tieni aggravju** ġie sottomess mill-appellanti illi t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-imparzjalita’. “Premessa din il-konstatazzjoni ta’ l-appellanti fil-konfront tas-sentenza appellata, huwa pacifikament stabbilit in linea ta’ principju generali illi t-tribunali kollha ta’ kwalsiasi forma u attribuzzjoni, indistintament ghandhom jirrispettaw ir-regoli hekk importanti u fondamentali tal-gustizzja naturali. Regoli dawn invjolabbli li jesigu, inter alia, il-parita` ta’ trattament mal-partijiet in kawza li ebda tribunal ma jista’ jissorvola. (Ara sentenzi a Vol. XXXIII P I p 648 u Vol. XXXV P II p 514 fost ohrajn)”. - **Appell Civili Numru. 2/2005 Esther u Nazzareno Pace vs Aplan Ltd.**

Lil din il-Qorti ma jirrizultalhiex, izda , li b’xi mod l-Arbitru kien pregudikat fil-konfront tal-appellanti. Lanqas ma jirriżulta li t-Tribunal ma osservax d-dettami tal-gustizzja naturali, jew li kien *biased* kontra l-appellanti. Is-socjeta appellanti inghatat l-opportunita kollha li tressaq il-provi taghha kif fil-fatt ghamlet. Il-fatt illi gudikant jaghmel imbaghad apprezzament ta’ dawk il-provi u jidhirlu li ghandu jaghti piz lil verzjoni wahda u mhux lill-ohra certament ma jikkostitwixxi l-ebda vjolazzjoni ta’ xi dritt ta’ gustizzja naturali. Għal dawn ir-raġunijiet, anke it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud billi huwa ghal kollox frivolu u fieragh u jikkontjeni allegazzjonijiet minghajr ebda bazi la legali u lanqas fattwali.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud. L-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta appellanti.

# **< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------